

31976L0135

L 21/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

29.1.1976

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**ta' l-20 ta' Jannar 1976****dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' liċenzji ta' navigabbiltà għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni**

(76/135/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi r-rikonoxximent reċiproku ta' liċenzji ta' navigabbiltà għal bastimenti ta' kanali ta' ilma navigabbli interni għandu jinkiseb bħala l-ewwel pass lejn it-titjib tas-sigurtà tan-navigazzjoni interni fil-Komunità;

Billi huwa neċessarju li jkun stabbilit taħt liema ċirkostanzi u fuq liema kondizzjonijiet l-Istati Membri jistgħu jwaqqfu l-passaġġ ta' bastiment;

Billi huwa neċessarju li jkun iffissat limitu ta' żmien għall-adozzjoni ta' ħtiġijiet tekniċi komuni u billi din id-Direttiva għandha tkun valida biss sakemm dawn id-dispożizzjonijiet komuni jidħlu fis-seħħ,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Din id-Direttiva għandha tapplika lil:

- (a) bastimenti użati għat-trasport u li jkollhom piż totali ta' 20 tunnellata metrika jew iżjed, inklużi bastimenti ta' rmonk u bastimenti tas-sengħa,
- (b) bastimenti użati għat-trasport ta' iżjed minn 12-il passiġġier,

fil-kanali ta' l-ilma navigabbli interni. Din id-Direttiva m'għandiex tippreġudika d-dispożizzjonijiet imniżżlin fir-Regolament dwar l-ispezzjoni tan-navigazzjoni fuq ir-Rhine u fil-Ftehim dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi fuq ir-Rhine (ADNR).

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom, sakemm ikun meħtieġ, iniżżlu kull proċedura neċessarja għall-ħruġ ta' liċenzji ta' navigabbiltà.

⁽¹⁾ OJ Nru C 280, tat-8.12.1975, p. 71.

⁽²⁾ L-opinjoni mogħtija tas-27.11.1975 (għadha ma ġietx ippubblikata fl-Ġurnal Uffiċjali).

Madankollu, Stat Membru jista' jeżenta minn din id-Direttiva l-bastimenti li ma jħallux il-kanali ta' l-ilma navigabbli interni tat-territorju tiegħu.

2. Liċenzji ta' navigabbiltà għandhom jinħarġu mill-Istat Membru li fih ikun irreġistrat il-bastiment jew ikollha l-port ta' stazzjon, fin-nuqqas ta' hekk, mill-Istat Membru li fih is-sid tal-bastiment jkollu d-domiċilju. Kull Stat Membru jista' jitlob Stat Membru ieħor biex joħroġ liċenzji ta' navigabbiltà għall-bastimenti amministrati minn ċittadini ta' dan ta' l-ewwel. L-Istati Membri jistgħu jiddelegaw l-poteri tagħhom lil korpi approvati.

3. Liċenzji ta' navigabbiltà għandhom isiru f'lingwa tal-Komunità, u għandhom jipprovdu mill-inqas l-informazzjoni u jżaw is-sistema ta' numerazzjoni speċifikata fl-Anness.

L-Artikolu 3

1. Bla ħsara lill-paragrafi 3 sa 6, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi għan-navigazzjoni fuq l-ibħra nazzjonali tiegħu l-liċenzji ta' navigabbiltà maħruġin minn Stat Membru ieħor skond l-Artikolu 2 fuq l-istess bażi bħalli kieku jkun ħareġ il-liċenzja huwa stess.

2. Il-paragrafu 1 għandu jgħodd biss jekk il-liċenzja kienet maħruġa jew kienet estiża l-aħħar mhux iżjed minn ħames snin qabel u ma skadietx.

Iċ-ċertifikat maħruġ skond ir-Regolament dwar l-ispezzjoni tan-navigazzjoni fuq ir-Rhine se jkun aċċettat bħala evidenza, fi ħdan it-tifsir tal-paragrafi 3 u 5, għad-dewmien kollu tiegħu.

3. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu illi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mniżżlin fir-Regolament dwar l-ispezzjoni tan-navigazzjoni fuq ir-Rhine jkunu mħarsa. Jistgħu jeħtieġu ċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 2(2) bħala prova ta' dan.

4. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu l-bastimenti li jgħorru oġġetti perikolużi kif imfisser fl-ADNR biex iħarsu l-ħtiġijiet imniżżlin f'dan il-Ftehim. Bħala prova għal dan, jistgħu jeħtieġu illi l-awtorizzazzjoni provduta għalhekk f'dan il-Ftehim tkun prodotta.

5. Bastimenti li jilhqg l-ħtiġijiet imniżżlin fir-Regolament dwar l-ispezzjoni tan-navigazzjoni fuq ir-Rhine se jkunu ammessi fil-kanali ta' l-ilma navigabbli interni kollha fil-Komunità. Xieha ta' konformità ma' dawn il-ħtiġijiet tista' tkun approvduta miċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 2(2).

Kondizzjonijiet speċjali għat-trasport ta' oġġetti perikolużi se jkunu kkunsidrati li jintlaħqu fil-kanali ta' l-ilma navigabbli tal-Komunità kollha jekk il-bastimenti jħarsu l-ħtiġijiet ta' l-ADNR. Ix-xieha rilevanti tista' tkun provduta bl-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu twettiq fil-linji ta' navigazzjoni marittimi ta' kondizzjonijiet addizzjonali ekwivalenti għal dawk meħtieġa għall-bastimenti tagħhom stess. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-linji ta' navigazzjoni marittimi tagħhom, il-lista li għandha tkun imfassla mill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta lilha mill-Istati Membri.

L-Artikolu 4

1. Kull Stat Membru jista' jirtira liċenzja ta' navigabbiltà li jkun ħareġ.

2. Kull Stat Membru jista' jwaqqaf il-passaġġ ta' bastiment, fejn il-bastiment jinsab fl-ispezzjoni li jkun f'kondizzjoni li tikkostitwixxi ċarament perikolu lill-inħawi, sakemm id-difetti jiġu kkoreġuti. Jista' jagħmel hekk ukoll fejn il-bastiment jew it-tagħmir tiegħu jinstabu fl-ispezzjoni li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet imfasslin fil-liċenzja ta' navigabbiltà jew fid-dokumenti l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 3 skond il-każ.

3. Stat Membru li jkun waqqaf il-passaġġ ta' bastiment, jew li jkun indika l-intenzjoni tiegħu li jagħmel hekk jekk id-difetti ma jiġux ikkoreġuti, għandu jinforma l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn il-liċenzja ta' navigabbiltà jew id-dokumenti l-oħrajn irriferiti fl-Artikolu inħarġu għall-raġunijiet għad-deċiżjoni li jkun ħa jew li maħsub li jieħu.

4. Id-deċiżjonijiet kollha biex iwaqqfu l-passaġġ ta' bastiment li ttieħdu skond il-miżuri adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom iniżżlu fid-dettal ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati. Deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-parti konċernata, li għandha fl-istess ħin tiġi infurmata dwar irrimedji disponibbli lilha taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membri u dwar il-limiti ta' żmien permessi għall-eżerċizzju ta' tali rimedji.

L-Artikolu 5

Kemm jista' jkun malajr u mhux iżjed tard mill-1 ta' Jannar 1978, il-Kunsill għandu, fuq proposta mill-Kummissjoni, jadotta dispożizzjonijiet komuni li jwaqqfu l-ħtiġijiet tekniċi għal bastimenti ta' kanali ta' ilma navigabbli interni.

L-Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom, fi żmien tajjeb u fi żmien sena wara mill-adozzjoni tad-Direttiva mill-Kunsill, u wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, jadottaw tali liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi kif jista' jkun meħtieġ biex iħarsu din id-Direttiva.

L-Artikolu 7

Din id-Direttiva se tibqa' valida sal-31 ta' Diċembru 1978. Jekk ikun hemm bżonn, il-validità tagħha tista' tiġi estiża mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni sakemm id-dispożizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 5 jidħlu fis-seħħ.

L-Artikolu 8

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi-Brussel, fit-20 ta' Jannar 1976.

Għall-Kunsill

Il-President

G. THORN

L-ANNEX

Informazzjoni minima li tidher fuq il-liċenzji

L-informazzjoni hija maqsuma fi tliet kategoriji:

- I. obbligatorju: l-ebda sinjal speċjali
 - II. meħtieġ jekk applikabbli: (×)
 - III. bżonnjuż imma mhux obbligatorju: (+)
1. Isem ta' l-awtorità jew tal-korp approvat li joħroġ id-dokument
 2. (a) Titolu tad-dokument
(b) (+) Numru tad-dokument
 3. Stat ta' ħruġ
 4. Isem u domiċilju tas-sid tal-bastiment
 5. Isem tal-bastiment
 6. (×) Post u numru ta' reġistrazzjoni
 7. (×) Port ta' stazzjon
 8. (+) Tip ta' kostruzzjoni
 9. (+) Utilizzazzjoni
 10. Karatteristiċi prinċipali: (a) tul ġenerali f'metri
(b) wisa' ġenerali f'metri
(c) fond taħt il-linja ta' l-ilma f'fundar(i) tal-baħar massimu f'metri
 11. (×) Piż(ijiet) totali f'tunnellati metriċi jew spostament(i) f'metri kubi f'fundar(i) tal-baħar massimu
 12. (×) Indikazzjoni ta' marki f'fundari tal-baħar
 13. (×) Numru massimu awtorizzat ta' passiġġieri
 14. (×) Poder totali ta' magni li jsuqu f'HP jew KW
 15. Minimu tas-soprastruttura(i) u l-linja ta' l-ilma f'ċentimetri
 16. (a) Dikjarazzjoni: Il-bastiment indikat hawn fuq huwa ċertifikat li huwa tajjeb għan-navigazzjoni
(b) (×) Bla ħsara lis-segwenti kondizzjonijiet
(c) (×) Indikazzjoni tar-restrizzjoni tan-navigazzjoni
 17. (a) Data ta' skadenza
(b) Data ta' ħruġ
 18. Timbru u firma ta' l-awtorità jew tal-korp approvat li joħroġ il-liċenzja
-